**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**
**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Anthony J. Camilleri

*versus*

Avukat Dottor Victor Ragonesi *noe*

**Ritrattazzjoni - Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi**

*Ir-ritrattazzjoni ta' kawża teħtieġ żewġ stadji, l-ewwel li titneħħa u titħassar is-sentenza ta' qabel (*in rescindente*) u wara, li jsir is-smigħ mill-ġdid (*in rescissorio*).*

*Is-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 jippermetti smigħ ġdid jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin. Però jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fil-każ biss li d-deċiżjoni meta l-fatt ikun tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni.*

Il-Qorti:-

Qed tintalab mill-atturi r-ritrattazzjjoni tal-kawża fl-ismijiet premessi deċiża minn din il-Qorti diversament ippresjeduta b'sentenza tat-13 ta' Mejju, 1991. Din is-sentenza qed tiġi riprodotta mhux biss għaliex tagħti sewwa l-fatti li pprovokaw din il-kawża imma ukoll għaliex hu utili anzi neċessarju biex il-Qorti tikkonsidra t-talba ta' smigħ mill-ġdid illi jkollha quddiemha l-motivazzjoni li wasslitha għad-deċiżjoni kkontestata tagħha;

L-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-22 ta' April, 1988 ippronunzjat is-segwenti sentenza:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi huwa kreditur tal-konvenut *nomine* fis-somma ta' tlett elef u erbgħa u ħamsin lira Maltija (Lm3,054.00,0) u ċjoè kwantu għal tlett elef lira (Lm3,000) dovuti lilu bħala salarju ta' sena sħiħa bħala impjegat ta' David Charles (Malta) Limited għaż-żmien mill-1 ta' Novembru, 1976 sal-31 ta' Ottubru, 1977, kif ukoll kwantu għal erbgħa u għoxrin lira (Lm24) bonus dovut fl-aħħar

ta' Diċembru, 1976 u Lm30 bonus dovut fl-aħħar ta' Ġunju, 1977 li sal-lum ma tħallsux u premess ukoll illi nonostante diversi talbiet biex jitħallsu dawn il-pagi l-konvenut *nomine* baqa' ma ħallasx;

L-istess attur talab li l-konvenut *nomine* jiġi kkundanat iħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u erbgħa u ħamsin lira Maltija (Lm3,054) dovuti lilu bħala salarji u bonus fuq pagi kif fuq spjegat;

Bl-interessi legali min-notifika ta' dan l-att. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 852/1977;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa;

Illi huwa qatt ma kellu r-rappreżentanza ġudizzjarja tas-soċjetà konvenuta u għalhekk għandu jiġi lliberat *ab observantia* bl-ispejjeż;

Mingħajr preġudizzju illi s-soċjetà konvenuta qiegħda fi stat ta' likwidazzjoni u r-Reġistratur tas-Soċjetajiet ġie debitament infurmat;

Mingħajr preġudizzju li s-soċjetà konvenuta m'għandhiex tagħti s-somma pretiża fiċ-ċitazjoni kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi rriżulta li s-soċjetà konvenuta marret fi stat ta' stralċ u li ġew nominati l-avukat Dottor Victor Ragonesi u Norman Barrington Cork bħala ko-stralċjarji. In vista ta' l-atti li

ssuċċidew l-għoti ta' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet jidher ċar li l-istess eċċezzjonijiet ġew sorpassati u m'għadhomx aktar rilevanti għall-każ u għalhekk ma hemm l-ebda utilità li jiġu investigati ulterjorment. Għalhekk tibqa' veljanti biss l-eċċezzjoni fil-meritu ċjoè t-tielet eċċezzjoni li biha l-konvenut Dottor Ragonesi *nomine* qiegħed isostni illi s-soċjetà konvenuta m'għandhiex tagħti s-somma pretiża fiċ-ċitazzjoni mill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur xehed illi huwa kien impjegat bħala *General Manager* tas-soċjetà konvenuta b'salarju ta' Lm3,000 fis-sena. Ikkonferma li ma tħallasx minn Novembru 1976 sa Ottubru 1977 f'liema xahar is-soċjetà konvenuta marret fi stat ta' stralċ. Ikkonferma ukoll li ma ħax il-bonus dovut lilu fl-aħħar ta' Diċembru 1976 u fl-aħħar ta' Ġunju 1977 apparti din ix-xhieda, l-attur esebixxa d-dokumenti a fol. 209, 210 u 211 biex jipprova l-impjieg imsemmi mas-soċjetà konvenuta;

Illi l-konvenut *nomine* qiegħed jikkontesta t-talba ta' l-attur prinċipalment għas-segwenti motivi:

Illi l-attur kien direttur tas-soċjetà konvenuta u bħala tali ma kienx imppjegat (Palmer's Company Law 21st Edition p. 521);

Illi mill-11 ta' Frar, 1977 l-attur kien direttur tas-soċjetà Ta' Monita Limited li kienet sejra takkwista kif fil-fatt għamlet, il-kumpless "Ta' Monita". Dan il-kumpless kien proprjetà tas-soċjetà konvenuta u t-tmexxija tiegħu kienet attività prinċipali tas-soċjetà konvenuta. Il-konvenju sar fis-26 ta' Jannar, 1977 (ara fol. p. 7) u l-kuntratt definittiv tat-trasferiment sar fid-19 ta' Ottubru, 1977 (ara fol. 119). Il-konvenut sostna li l-attur, bħala direttur tas-soċjetà konvenuta ma svelax l-interess li kellu

f'"Ta' Monita Limited" bi ksur ta' l-artikolu 125 u 127 ta' l-Ordinanza X ta' l-1962. Minħabba dan l-interess kofliġġenti kull profitt li l-attur seta' għamel u li ma ġiex svelat jista' jiġi rriklamat mis-soċjetà konvenuta (Palmer's Company Law paġna 566 *et seq*);

Illi l-attur ma nformax lid-diretturi tas-soċjetà konvenuta li din kellha uffiċċju b'lokazzjoni fi Triq Bisazza, tas-Sliema u li fl-istess uffiċċju kien hemm mobilja ta' ċertu valur;

Illi l-attur ma riedx jikkonsenja l-karti u d-dokumenti tas-soċjetà konvenuta u kellha tkun sentenza tal-Qorti li ġġiegħlu jagħmel dan;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni - bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine*";

L-istess konvenut *nomine* interpona dan l-appell:

L-aggravji jirrigwardaw prinċipalment il-provi relevanti għall-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, li, skond l-istess appellanti, ma ġewx apprezzati sewwa mill-Ewwel Qorti;

Il-pretensjoni attriċi hija bbażata fuq l-impjieg li l-attur kellu mas-soċjetà ... ġenerikament illi l-attur qed jitlob tlett elef lira (Lm3,000);

*Omissis*;

Il-kuntrast bejn il-partijiet qiegħed fit-tifsira ta' dawn il-fatti;

L-attur jissottometti, fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Novembru, 1986 illi dwar il-konflitt ta' interessi "irriżulta aktar milli sodisfaċentement li l-kuntatti regolari li l-attur kellu ma' Ta' Monita Limited u l-fatt li kompla jmexxi n-negozju kien iservi u serva fil-fatt għall-iskop li n-negozju jinbiegħ *as a going concern* u dan fl-interess prinċipalment tal-vendituri - l-konvenuti f'din il-kawża";

Ma' dan, din il-Qorti ma tistax taqbel. Huwa ovvju li l-interessi kollha ta' l-attur - malli sar jaf li l-kumpless f'Ta' Monita se jinbiegħ - spustaw ruħhom kompletament;

Huwa kien marbut mal-kumpless f'Ta' Monita u mhux mal-kumpannija konvenuta. Kien jaqdi jew iservi lil din sakemm kellha f'idejha dak il-kumpless. Difatti malli nħolqot in-neċessità ta' trasferiment huwa beda jitħabat biex dan isir lil nies li huwa daħal sħab magħhom fis-soċjetà Ta' Monita Limited, li nnominawh immedjatament direttur ta' l-istess soċjetà u li fdawlu immedjatament it-tmexxija tal-kumpless - u dan biex jassiguraw u jesegwixxu l-obbligazzjoni li assuma Ronald Thompson fil-konvenju tas-26 ta' Jannar, 1977 li l-kumpless Ta' Monita, minn dak in-nhar 'il quddiem ma jibqax ġestit aktar mis-soċjetà konvenuta imma mill-kompratur il-ġdid - li kien jirrappreżenta l-interessi tiegħu, ta' ħuh u ta' l-attur. Din il-klawsola numru 6 tal-konvenut - ma setgħetx saret jekk kemm-il darba l-partijiet kollha interessati ma kinux ċerti illi t-trasferiment veru u proprju kien prattikament lest u li l-ftehim imsejjaħ "konvenju" kien qed isir sempliċment biex il-ftehim kollu jiġi kkristalizzat f'xi forma, imqar l-aktar waħda konvenjenti għall-mument. L-interess li l-kumpless f'Ta' Monita jkompli għaddej bħala *going concern* kien ta' dawk li

kienu se jakkwistawh, l-attur u dawk li magħhom kien issa assoċja u l-bank, li kien se jislef ammont sostanzjali ta' flus lill-istess soċjetà li kienet se takkwista l-kumpless. U difatti, wara s-soċjetà akkwirenti, l-akbar interess li l-kumpless ma jitlef xejn mill-avvjament li kellu, kien tal-Mid-Med Bank Limited li b'kuntratt tad-19 ta' Ottubru, 1977 - dokument X4 - avvanza lil Ta' *Monita Limited is-somma ta' ħamsa u sittin elf lira* (Lm65,000). U fuq dan l-interess l-attur jgħid li huwa kellu jibqa' jmexxi l-kumpless, anke bl-approvazzjoni tal-banek li, jew kellhom jieħdu l-flus mis-soċjetà konvenuta, li allura kienet se tiġi mkaxkra (kif ġiet) fil-falliment ts-soċjetà *madre* fl-Ingilterra, jew li kienu lesti li javvanzaw aktar flus lis-soċjetà l-ġdida biex in-negozju f'Ta' Monita jiġi kapitalizzat kif imiss, biex jibda jagħmel profitt;

Għalhekk dak li l-attur jippretendi li kien l-aqwa interess - dak tas-soċjetà konvenuta - kien fil-fatt l-inqas wieħed;

Il-konklużjoni ta' dan kollu huwa li dak kollu li għamel l-attur f'Ta' Monita mis-26 ta' Jannar, 1977 'il quddiem - għamlu prinċipalment - *jekk mhux esklussivament - fl-interess tas-*soċjetà Ta' Monita Limited u mhux tas-soċjetà konvenuta billi din, minn dak il-mument 'il quddiem kienet illikwidat l-interess tagħha fil-prezz li ftehmet għat-trasferiment - mija u ħamsa u tmenin elf lira (Lm185,000);

Minn dan kollu jidher illi aktar minn konflitt ta' interess bejn Ta' Monita Limited u s-soċjetà konvenuta dak li ġara kien sostituzzjoni ta' interess fl-attur u billi wara d-data msemmija s-27 ta' Jannar, 1977, is-soċjetà konvenuta ma kien baqagħlha ebda interess f'Ta' Monita ħlief naturalment li tiġbor il-prezz konvenut għat-trasferiment ma kienx baqagħlha lanqas l-interess li jkollha l-attur f'sitwzzjoni ambigwa fejn apparentement huwa kien qed iħares l-interessi tagħha mentri fil-fatt kien

qiegħed attivament jikkoltiva l-interessi tiegħu u ta' sħabu. Dan in-nuqqas ta' trasparenza fl-attività u l-posizzjoni ta' l-attur meta ġiet skoperta ġiebet magħha t-talba ta' riżenja ta' l-attur minn direttur tas-soċjetà konvenuta - u l-attur ma rriżenjax sempliċement għaliex ingħata parir kuntrarju minn avukat u dan l-atteġġament ġieb l-umiljazzjoni tat-tkeċċija. Ġiet użata l-espresjoni użwali ta' "konflitt ta' interessi" biex tispjega dak li ġara billi kull *clichè*, la darba tidħol, dejjem tispiċċa biex toħloq distorsjoni fil-veritajiet tar-realtà imma l-liġi tipprojbixxi mhux biss il-konflitt ta' interessi - artikolu 126 Kap. 168 - imma - timponi ukoll it-trasparenza - l-artikolu 128 Kap. 168. L-Ewwel Onorabbli Qorti ukoll ġiet indotta f'dan l-iżball meta qalet:

"... *l-att ta' trasferiment sar kif kellu jsir u din ħija* indikazzjoni tanġibbli li l-konflitt fl-interessi kien wieħed apparenti biss mhux ukoll reali";

Billi dan, kif spjegat ma jolqotx il-pern tal-problema, apparti li fih innifsu huwa żbaljat, għaliex konflitt ta' interess mhux neċessarjament jiġi rifless f'xi att li jikkonkludi negozju, *u anzi, kważi qatt, ma jixhed, tanġibbilment dak il-konflitt;*

Rigward l-obbligu ta' trasparenza sanċit mill-artikolu 128 Kap. 168, din il-Qorti ukoll ikollha tiddikjara u tagħmilha ċara li mhuwiex korrett dak li hemm fis-sentenza appellata fejn intqal li billi l-attur ġie rreġistrat bħala direttur f'Ta' Monita Limited għand ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet u dan id-dokument huwa aċċessibbli għall-pubbliku b'daqshekk l-attur ma kellux l-obbligu li jiddikjara x'kienu l-interessi tiegħu, speċjalment fil-formazzjoni tas-soċjetà Ta' Monita Limited u l-parteċipazzjoni tiegħu fiha u r-rappreżentanza ta' l-interessi tagħha fil-kumpless (biex ma jingħadx it-tmexxija tiegħu) lid-diretturi l-oħra tas-soċjetà konvenuta - kif espressament irid l-artikolu 128 Kap. 168. Il-Qorti ma tistax taċċetta dak li hemm fis-sentenza

appellata u ċjoè illi:

"Għalkemm kollox hu possibbli però ma tantx tidher ħaġa verosimili li s-soċjetà konvenuta kif rappreżentata kienet sajma mill-kontenut tiegħu (jiġifieri mid-dokument li jirreġistra li l-attur kien direttur ta' Ta' Monita Limited) meta si tratta ta' kuntratt b'meritu u b'ċifra tant sinifikanti";

L-attur qatt ma qal li lid-diretturi, f'laqgħa tal-Bord, tas-soċjetà konvenuta, qallhom bil-posizzjoni ġdida tiegħu biex juri li mexa skond il-liġi u għalhekk mhuwiex possibbli għall-Qorti li tissupplixxi għal dan in-nuqqas b'supposizzjonijiet tagħha;

Jidher għalhekk li almenu in parti is-sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta għandhom jiġu milqugħa;

Jidher ukoll illi dak li l-attur sejħilhom *consultancy fees* kienu ekwivalenti għat-tlett elef lira (Lm3,000) fis-sena li l-istess attur bħala Direttur, kif isejħulu *managing* (jekk mhux *Managing Director*), kien jirċievi mingħand is-soċjetà konvenuta - u billi fiċ-ċifra riċevuta ta' Lm2,104 kien hemm inklużi xi spejjeż, jidher illi, għas-sena msemmija fiċ-ċitazzjoni - l-attur irċieva żewġ terzi ta' l-ammont mingħand is-soċjetà l-ġdida u għandu jirċievi t-terz l-ieħor mingħand is-soċjetà konvenuta;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata wara li tilqa' in parti l-appell interpost mis-soċjetà konvenuta u tikkundanna lil din ta' l-aħħar li tħallas lill-atturi somma ta' elf lira (Lm1,000) għas-sodisfazzjon ta' dak li huwa talab fl-att ta' ċitazzjoni, bl-interessi mill-1 ta' Frar, 1977;

L-ispejjeż kollha tal-proċess jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet;

L-atturi appellati qed jissottomettu illi hemm lok għar-ritrattazzjoni tal-kawża fit-termini tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 li jippermetti smigħ ġdid jekk is-sentenza tkun aplikat il-liġi ħażin. Dan fuq dawn il-motivi:

"Għal finijiet ta' l-artikolu 816 tal-Kap. 12, ir-ritrattandi jissottomettu li meta l-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-awtur tagħhom kien ikkontravena l-artikolu 128 (1) tal-Kap. 168 billi naqas li jinforma lis-soċjetà bl-interess tiegħu u l-artikolu 126 (1) tal-Kap. 168 li direttur ma jistax jikkonkorri mas-soċjetà mingħajr approvazzjoni mill-istess soċjetà applikat il-liġi ħażin meta għamlet paċija u dan prinċipalment għar-raġunijiet segwenti:

Iż-żewġ artikoli fuq ċitati fis-subinċiż (2) jipprovdi x'għandu jsir f'dik l-eventwalità. Fil-każ ta' l-artikolu 128 tal-Kap. 168 in-nuqqas tad-direttur li jiddikjara n-natura ta' l-interess tiegħu jirrendih passibbli għal penali ta' Lm500 fuq istanza tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali;

U fil-każ li direttur jikkonkorri mas-soċjetà mingħajr l-approvazzjoni tagħha, skond is-subinċiż (2) f'dik l-eventwalità s-soċjetà tista' jew tipproċedi kontrih għad-danni u mgħaxijiet jew titlob minnu l-ħlas tal-profitti kollha minnu magħmula b'kontravvenzjoni ta' dan l-artikolu;

Il-konvenut *nomine* seta' pproċeda b'kawża f'dan is-sens jew b'kontrotalba, iżda dan ma għamlux; iżda sempliċment b'mod ġeneriku fil-meritu eċċepixxa li l-ammont pretiż ma kienx dovut;

It-tapċija issib applikazzjoni biss jekk jikkonkorru r-rekwiżiti indikati fl-artikolu 1196 *et seq* tal-Kap. 16 fosthom li ż-żewġ ammonti jkunu likwidi, ċerti u dovuti - artikolu 1197 (1)

Kap. 16;

F'dan il-każ id-danni pretiżi mill-konvenut *nomine* ma kinux likwidati, effettivament lanqas ġew reklamati jew pretiżi;

Skond il-*Conditions of Employment Act, Part VII - Protection of Wages* - artikolu 22 - għall-ebda raġuni ma jistgħu jitnaqqsu l-pagi u s-salarji ta' l-impjegati, salv il-każijiet eċċezzjonali indikati fl-artikolu 23";

L-Avukat Dottor Victor Ragonesi oppona t-talba għar-ritrattazzjoni in kwantu sostna li ma jissustux ir-rekwiżiti biex din tintalab in kwantu s-sentenza impunjata "ma applikat ebda liġi u wisq anqas applikat liġi ħażina". Hu ssottometta illi:

"L-imsemmija sentenza għamlet riferiment għall-imġiba u fatti kommessi mid-defunt Anthony J. Camilleri biex ivvalutat il-komportament tiegħu fil-karigi li kien jokkupa u biex sar apprezzament fuq bażi ta' ekwità ta' dak il-komportament;

Illi s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti li qiegħed jintalab li tiġi rrevokata wara u b'hekk issir ir-ritrattazzjoni ma għamlet ebda tpaċija kif allegat fil-petizzjoni;

Illi mingħajr preġudizzju, kuntrarjament għal dak li huwa allegat fil-petizzjoni ma setgħax l-esponent *nomine* jagħmel kontro-talba fiċ-ċitazzjoni pprezentata mid-defunt Anthony J. Camilleri, għaliex ħafna mill-operat irregolari ta' dan l-aħħar ġie a konjizzjoni ta' l-esponent waqt il-provi ta' l-istess kawża;

Illi l-*Conditions of Employment Act* invokat mill-partijiet li qed jitolbu r-ritrattazzjoni mhux applikabbli għall-każ għaliex Anthony J. Camilleri kien Direttur tas-soċjetà David Charles

(Malta) Limited, is-somma li hija dovuta lilu skond is-sentenza ta' l-appell tat-13 ta' Mejju, 1991 hija hekk dovuta bħala direttur ta' l-istess soċjetà u direttur mhux impjegat tas-soċjetà li tagħha jifforma parti bħala membru tal-Bord tad-Diretturi";

Kif hu risaput fil-proċedura għal smigħ mill-ġdid ta' kawża jeħtieġu żewġ stadji. L-ewwel li titneħħa u titħassar is-sentenza ta' qabel (*in rescindente*) u wara, li jsir is-smigħ mill-ġdid (*in rescissorio*). Hu l-ewwel stadju li l-Qorti qed tiddeċidi b'din is-sentenza;

"*Il giudizio di ritrattazione ha un doppio oggetto quello di fare annullare una sentenza passata tra le parti in guidicato e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare una altre sentenza e si compone di due stati distinti da non confondersi l'uno con l'altra detti "il rescindente e il rescissorio*"" (Vol. XXII, pt. III, p. 235);

Il-Qorti allura jeħtieġ f'dan l-ewwel stadju li tiddetermina l-ammissibilità tat-talba għal smigħ mill-ġdid. Trid tikkonstata jekk jokkorrux l-elementi meħtieġa taħt dak is-subinċiż ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 li r-ritrattand qed jinvoka biex jiġġustifika r-ritrattazjoni. Fil-każ taħt eżami l-atturi ritrattandi qed jippretendu li għandhom dritt li jittrattaw il-kawża fit-termini tas-subinċiż (e) ta' dak l-artikolu li jiddisponi li jista' jsir smigħ mill-ġdid tal-kawża;

"Jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fil-każ biss li d-deċiżjoni meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun

Importanti li jiġu stabbiliti hawn il-fatti kif jirriżultaw mill-atti proċesswali għax huma relevanti biex jiġi determinat jekk kienx hemm jew le l-applikazzjoni ħażina allegata mir-ritrattand;

It-talba attriċi kienet għall-kundanna tal-konvenut *nomine* għall-ħlas ta' somma ta' Lm3,054 dovuti lilu bħala salarju u bonus fuq pagi;

L-attur Anthony J. Camilleri - l-awtur tar-ritrattandi - kien fi żmien rilevanti impjegat bħala *General Manager* tas-soċjetà konvenuta David Charles (Malta) Ltd. Fis-sentenza ritrattanda din il-Qorti kkunsidrat illi: "għalkemm jirriżulta li l-attur kien *a non shareholder director* tas-soċjetà konvenuta, irriżulta bla ebda dubbju li hu kien *Manager* salarjat ta' l-istess soċjetà";

L-attur qed jitlob is-salarju minn Novembru 1976 sa Ottubru 1977 oltre xi bonus;

Jirriżulta ukoll ippruvat illi mill-11 ta' Frar, 1977 l-attur kien direttur ukoll tas-soċjetà Ta' Monita Limited li kienet sejra takkwista kif fil-fatt għamlet il-kumpless "Ta' Monita", proprjetà tas-soċjetà konvenuta u li t-tmexxija tiegħu kienet l-attività prinċipali tagħha;

L-interessi kollha ta' l-attur meta sar jaf li l-kumpless f'Ta' Monita ser jinbiegħ spustaw ruħhom kompletament. "Huwa kien marbut mal-kumpless f'Ta' Monita u mhux mal-kumpannija konvenuta. Kien jaqdi jew iservi lil din sakemm kellha dan il-kumpless. Difatti malli nħolqot in-neċessità ta' trasferiment huwa beda jitħabat biex dan isir lin-nies li huwa daħal sħab magħhom fis-soċjetà Ta' Monita Limited li nnominawh immedjatament direttur ta' l-istess soċjetà u fdawlu t-tmexxija tal-kumpless. Dana anke waqt li kien għad hemm

biss konvenju favur is-soċjetà Ta' Monita Limited u meta allura l-kumpless kien proprjetà tas-soċjetà konvenuta;

Dak kollu li għamel l-attur f'Ta' Monita mis-26 ta' Jannar, 1977 'il quddiem għamlu prinċipalment jekk mhux esklussivament fl-interess tas-soċjetà Ta' Monita Limited u mhux tas-soċjetà konvenuta billi din minn dak il-mument 'il-quddiem kienet illimitat l-interess tagħha fil-prezz li ftehmet għat-trasferiment;

Dawn il-fatti fost oħrajn huma kif stabbiliti fis-sentenza ritrattanda ta' din il-Qorti u għandhom neċessarjament allura jittieħdu bħala korretti. Mhux permess li f'dan l-istadju la jitqiegħdu fid-dubbju u lanqas li jiġu b'xi mod ikkontestati. La bħala fatti infushom u lanqas kif ġew minn din il-Qorti interpretati;

"Fil-każ ta' ritrattazzjoni bbażata fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi l-fatti kif ġew stabbiliti fis-sentenza li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, mhumiex aktar sindakabbli. Dan ifisser illi biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi wieħed ma għandux u ma jistax jeżamina mill-ġdid il-fatti tal-kawża u lanqas jistgħu dawn jiġu vvalutati jew interpretati b'mod ieħor għajr kif ġew ivvalutati u determinati fis-sentenza impunjata" (Xuereb *utinque* deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 1992) "*Per vedere se vi sia male applicazione de legge deve prendersi per unica base il fatto come stabbilito dalla Corte nella sentenza impugnata*" (Vol. XXVII, pt. I; pg. 433);

Ir-ritrattandi ġustament jikkonsidraw dawn il-fatti bħala ppruvati u jissottomettu illi s-sentenza impunjata applikat il-liġi ħażin għalihom. Jissottomettu mhux biss li din il-Qorti diversament ippresjeduta applikat il-liġi applikabbli għal dawk il-fatti ħażin imma li applikat għaliha liġi li ma kinitx sewwa

dik applikabbli. U sa hawn huma korrettement jinterpretaw is-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12:

"Hu stabbilit illi jkun hemm lok għal ritrattazzjoni jekk jirriżulta li l-Qorti tkun applikat il-liġi ħażina għall-fatti kif ippruvati u mhux jekk tapplika l-liġi applikabbli għal dawk il-fatti ħażin. "L-ipotesi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, tikkonkreta ruħha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' liġi espressa u ċara u mhux soġġetta għall-interpretazzjoni, razzjonċinji u argumenti" (**Aquilina** *vs* **Aquilina**, Vol. XLII, pt. I, p. 227); (**Joseph Micallef** *vs* **George Pavia** deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Novembru, 1993 u l-każistika fiha riportata);

Fil-każ taħt eżami ir-ritrattandi qed jissottomettu illi:

Meta l-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-awtur tagħhom kien ikkontravena l-artikolu 128 (1) tal-Kap. 168 billi naqas li jiżvela lis-soċjetà li tagħha kien direttur bl-interess tiegħu fis-soċjetà Monita Limited dik il-Qorti kellha tapplika s-sanzjonijiet li direttur jinkorri għall-aġir abbużiv ta' din ix-xorta ddettati u imposti fl-istess Att dwar is-Soċjetajiet - il-Kap. 168. Ir-ritrattandi ġustament jissottometu illi dik il-liġi timponi sanzjonijiet preċiżi fir-rigward ta' penali <u>pagabbli lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet</u> u tirendi lid-direttur ħati ta' żlealta tas-soċjetà tiegħu passibbli għall-azzjoni għad-danni u mgħaxijiet;

Danni li naturalment jeħtieġ li jiġu llikwidati f'azzjoni *ad hoc* promossa mis-soċjetà kontra d-direttur tagħha;

Ir-ritrattandi jissottomettu illi l-Qorti ma kellha l-ebda dritt fis-sentenza impunjata li tapplika tpaċija bejn dak li s-soċjetà

dak l-ammont dovut għal servizzi. Servizzi li skond l-appellant *nomine* l-awtur ta' l-appellati ma pprestax fiż-żmien rilevanti lis-soċjetà konvenuta li tagħha huwa kien direttur u li ppresta invece lis-soċjetà Monita Limited li fiha kellu interess taħt ċertu aspett konfliġġenti. Hu veru dak li ssottometta r-ritrattat - il-konvenut *nomine* - illi ma kienx preċiż li jingħad illi s-sentenza impunjata għamlet eżerċizzju ta' tpaċija anke jekk din hi l-impressjoni li wieħed jista' jieħu mill-konsiderandi. Tpaċija li ċertament ma kinitx tkun in regola. Il-Qorti ttendi biex taqbel ma' l-appellant *nomine* ritrattat illi s-sentenza impunjata għamlet eżerċizzju "ta' apprezzament fuq il-bażi ta' ekwità ta' dak il-komportament" (ta' l-attur) biex f'sens ta' ġustizzja taqsam il-figura tas-salarju dovuta lill-attur bejn iż-żewġ soċjetajiet li magħhom hu ħadem fiż-żmien rilevanti skond kif l-aktar iddedika l-ħin u l-enerġija u l-attenzjoni tiegħu lil kull waħda minnhom;

Anke f'dan il-kuntest però jidher li ma kienx legalment korrett għall-Qorti li tagħmel eżerċizzju ta' ekwità f'materja ta' pagament ta' salarju u bonus. Il-ħlas ta' salarju u bonus hu di fatti rregolat b'liġi speċjali u ma jista' jiġi soġġett għal kunsiderazzjonijiet ta' din ix-xorta. Is-salarju jew kien dovut jew ma kienx. Kif ġustament irrilevaw ir-ritrattandi japplikaw għall-fatt taħt eżami il-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg (iċ-CERA), in kwantu din hija l-liġi li tirregola r-relazzjonijiet bejn ħaddiem u min iħaddmu, id-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tagħhom, id-dritt ta' l-impjegat għall-ħlas tal-paga, meta u kif din setgħet tiġi ppreġudikata u l-kawżi li jistgħu jagħtu lok għat-tkeċċija mill-impieg. Kollha konsiderazzjonijiet ta' dritt li kellhom jinvestu t-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet mogħtija. Din il-Qorti ma tarax fuq liema konsiderazzjoni ta' liġi hi bbażata s-sottomissjoni tal-konvenut *nomine* illi "direttur mhux impjegat tas-soċjetà li tagħha jifforma parti bħala membru tal-Bord tad-Diretturi". Dan jista' jkun veru għal dak id-direttur li għandu biss din il-funzjoni

amministrattiva fis-soċjetà imma ċertament ma jistax japplika għal min hu mpjegat bħala *General Manager*, b'kuntratt għal żmien determinat jew indeterminat u b'salarju u kondizzjonijiet ta' impjieg b'kuntratt - bħall-attur - ikun għamel mas-soċjetà li kienet timpjegah. Dan anke jekk il-*General Manager* kellu, kif kellu l-attur, kariga ta' direttur u post fuq il-Bord tad-Diretturi. Fatti dawn stabbiliti fis-sentenza impunjata li din il-Qorti jeħtieġ li taċċetta bħala ppruvati;

Għal dawn il-motivi l-Qorti ssib illi jokkorru elementi biżżejjed biex tilqa' t-talba ta' l-attur għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża fuq il-bażi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi fit-termini tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 u dan wara li tannulla, kif qiegħda, s-sentenza tagħha tat-13 ta' Mejju, 1991;

Tiddiferixxi l-kawża għas-smigħ fil-meritu. Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.